Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 44/16

**AVVIŻI**

**30 ta' Ottubru 2016**

*Illum* issir il-ġabra għall-bżonnijiet tal-Parroċċa. Nitolbukom tkunu ġenerużi biex flimkien inkomplu nieħdu ħsieb il-knisja u l-parroċċa tagħna. Grazzi.

------

Nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru hija l-Festa tal-Qaddisin kollha. Fis-2.30pm sa ssir ħarġa għat-tfal u l-familji. Nitilqu minn quddiem il-Knisja. Fis-6.15pm quddiesa solenni fil-Knisja bis-sehem tat-tfal. Wara tingħata tifkira żgħira lit-tfal kollha.

Nhar l-Erbgħa 2 ta' Novembru issir it-Tifkira tal-Mejtin kollha. Il-quddies ikun fil-5.30am fis-6am u fis-6.30am. Filgħaxija quddiesa kkonċelebrata fis-6.15pm.

Matul ix-xahar ta' Novembru jkun hemm quddiesa fil-kappella taċ-ċimiterju nhar ta' Erbgħa, Ġimgħa u l-Ħadd fil-11.30am.
Nhar il-Ħadd 6 ta' Novembru ssir quddiesa organizzata mit-tliet parroċċi fiċ-Ċimiterju u t-tberik tal-oqbra fl-4pm. (Jekk ikun il-maltemp il-quddiesa ssir fil-Knisja ta' Burmarrad).

Infakkru li l-quddiesa ta' kull nhar ta' Ġimgħa filgħaxija matul Novembru tkun b'suffraġju għal dawk li jkun hemm isimhom fil-qoffa fuq l-altar ta' Sant'Antnin. Tistgħu tieħdu l-envelopes minn ħdejn il-bibien tal-Knisja.

Nhar is-Sibt li ġej, l-ewwel Sibt tax-xahar, tkun miftuħa l-Librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali.